22004D0008

L 116/54 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 22.4.2004

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 8/2004

## tas-6 ta' Frar 2004

## li jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 176/2003 tal-5 ta' Diċembru 2003 ([1])

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/564/KE tat-28 ta' Lulju 2003 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE konnessa ma' kontrolli fuq assigurazzjoni kontra responsabbilta ċivili rigward l-użu ta' vetturi bil-mutur ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness IX mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 8 (Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE):

   "8a. **32003 D 0564**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/564/KE tat-28 ta' Lulju 2003 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE konnessa ma' kontrolli fuq assigurazzjoni kontra responsabbilta ċivili rigward l-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 192, tal-31.7.2003, p. 23)."

2. It-test ta' l-inċiżi 4 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/323/KEE), 5 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/43/KEE), 6 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/828/KE) u 7 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/103/KE) fil-punt 8 (Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE) għandhom jitħassru.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2003/564/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħamlu (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

---

([1]) ĠU L 88, tal-25.3.2004, p. 53.
([2]) ĠU L 192, tal-31.7.2003, p. 23.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Ufiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND